IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum l-14 ta' Lulju, 2026

Rikors numru: BCT/33/2026

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sarsero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Dr. Elaine Sammut

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra li permezz ta' email datata 3 t' April, 2026 l-appellanti ressqet l-appell taghha minn ghadd ta' decizjonijiet mahrugin fil-konfront taghha mill-Awtorita`fejn hija giet penalizzata fis-segwenti somom, Eur 500, Eur 300, Eur 150, Eur 300 u Eur 150 u dana ghar-ragunijiet hemmhekk moghtija.

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*
2. *Illi in sostenn tal-penali amministrattiva qeghdin jkunu annessi u mmarkati bhala Dok A – Trail of Event u Dok B sett ta' ritratti*

3. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qiegheda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*
4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha inkluz it-Trail of Events u r-ritrati annessi mieghu.

Ra l-affidavits ta' Sebastian Polidano, Noel Camilleri u tal-istess appellanti.

Sema' x-xhieda ta' Nick Grima u l-kontro-ezami relattiv.

Ra li fl-10 ta' Gunju, 2026 l-appell gie differit ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra

Jirrizulta li l-Awtorita` qed takkuza lill-appellanti b'ghadd ta' nuqqasijiet derivanti mis-segwenti decizjonijiet li qeghdin ilkoll jigu appellati:

i. BCA/P08/0193/2024 – penali ta' Eur 500
ii. BCA/P08/0090/2024 – penali ta' Eur 300
iii. BCA/P08/0089/2024 – penali ta' Eur 150
iv. BCA/P08/0103/2024 – penali ta' Eur 300
v. BCA/P08/0104/2024 – penli ta' Eur 150

i. BCA/P08/0193/2024 – penali ta' Eur 500

Illi permezz ta' din id-decizjoni l-appellanti tinsab akkuzata bi ksur tal-Legislazzjoni Sussidarja 623.08 – makkinarju jew ghodda mhux mghammra b'sistemi ta' estrazzjoni u rkupru ta' trab

F'dan ir-rigward it-Tribunal jinnota li ghalkemm it-Trail of Events imressaq mill-Awtorita` jindika li certi Jake Caruana u Dylan Bonett waqt spezzjoni li sehhet fl-10 t'Ottubru, 2024 innuttaw "*A chaser being used without a vacuum and no preventive measures for dust emissions*" u li kien hemmhekk li nharrget l-ewwel penali, l-Awtorita` naqset milli tressaq lil dawn l-ufficjali biex jikkonfermaw dak minnhom riskontrat fuq is-sit bil-gurament. L-unika xhieda li tressqet mill-Awtorita` kienet dik tal-ufficjal Nick Grima li, fir-rigward ta' din il-penali stqarr: '*Nikkonferma li jien personalment ma kontx involut fl-inspection tal-10 t'Ottubru 2024 fejn issir referenza ghal excessive dust emissions.*' L-istess Grima kompla jghid waqt ix-

xhieda tieghu li huwa seta' jikkonferma t-Trail of Events bil-gurament limitatatament ghall-minuti li ma jinkludux dik tal-10 t'Ottubru, 2024. L-istess kjarament jghodd ukoll ghar-ritratti allegatament relattivi ghal tali minuta.

Min-naha taghha l-appellanti ressqet lix-xhud Sebastian Polidano li, permezz tal-affidavit tieghu, stqarr bil-gurament tieghu li "*fl-ebda hin tal-kostruzzjoni ma ntuza xi forma ta' makkinarju jew ghodda li jtajjar it-trab jew li mhux adekwatament modifikat biex jimmitiga l-estrazzjoni ta' trab; kwalunkwe makkinarju uzat mill-haddiema tal-kumpanija huwa mghammar b'sistema ta' entrapment tat-trab li jaghmilha impossibbli li jkun hemm cirkustanzi ta' trab itir.*" Kontro-ezami ta' dan ix-xhud ma sarx.

Gjaladarba allura id-dokumenti imressqin mill-Awtorita` a sostenn ta' din il-penali baqghu mhux konfermati bil-gurament, it-Tribunal isib li l-Awtorita` ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha fir-rigward ta' din il-penali sar grad rikjest mil-ligi u kwindi ser jghaddi sabiex ihassarha.

ii. BCA/P08/0090/2024 – penali ta' Eur 300
iv. BCA/P08/0103/2024 – penali ta' Eur 300

Illi permezz ta' dawn id-decizjonijiet l-appellanti tinsab akkuzata bi ksur tal-Legislazzjoni Sussidarja 623.08 – Nuqqas ta' stekkat li jaghlaq is-sit kompletament u jipprotegi z-zoni adjeacenti mill-hrug ta' trab u minn materjali li jistghu jaqghu mis-sit. L-akkuzi tkompli tispecifika li kien hemm stekkat mhux mghotti b'mesh hew materjal adegwat biex jaghlaq l-impatt visiv u biex jifforma barriera kontra l-hrug ta' trab u debris.

Illi f'dan ir-rigward l-appellanti tikkontendi li kien hemm "*xatba tal-hadid imdawra addizzjonalment b'xibka tal-plastic sabiex tkun perfettament ta' protezzjoni ghal terzi; f'dan is-sens irid jinghad addizzjonalment li peress illi l-bini ghandu parapett u allura distakkat mill-bankina, dan diga` jimmitiga l-penali l-ohra ta' nuqqas ta' stekkat stante illi huw impossibbli li materjal jaqa' fuq il-bankina ghax naturalment hemm il-parapett li jiddividi l-bini mill-bankina u mit-triq*"

F'dan ir-rigward il-ligi taghmilha cara li *L-istekkat għandu jiġi disinjat b'manjiera li jagħlaq is-sit u jipproteġi ż-żoni adjaċenti mill-ħruġ ta' trab u minn materjali li jistgħu jaqgħu mis-sit.*

U wkoll li: *Għal siti irtirati mit-triq, semi-detached jew detached, tali stekkat għandu jagħlaq is-sit kollu.* (IT-TIENI SKEDA (Regolamenti 6 u 9) tal-LS 623.08.)

Ghalkemm l-appellanti ressqet bhala xhud lil Noel Camilleri li stqarr li "*qabel ma beda t-twaqqiegh u sa mal-progett ghadda ghall-fazi ta' kostruzzjoni personalment kont hsibt ghal u rajt li dejjem ikun hemm stekkat adekwat u skont il-ligi sabiex jipprotegi terzi mill-istess sit*", mir-ritratti prodotti, senjatament dawk numerati rispettivament 5 u 6 jirrizulta car li, ghalkem kien hemm stekkat fis-sit, dan ma kienx sufficjenti, la sabiex jevita trab milli johrog mis-sit u lanqas sabiex materjal ma jaqghax lilhinn minnu fit-triq. Kif diga` citat, il-fatt wahdu li s-sit huwa distakkat mit-triq ma jservix bhala skuzanti ghall-inadegwatezza jew nuqqas ta' stekkat u dana ghaliex anke f'tali cirkostanza il-ligi tezigi li jkun hemm stekkat u li, aktar minn hekk, ikun tali li jaghlaq is-sit kollu oltre milli jevita hrug ta' trab u materjal.

Illi da parti tieghu Nick Grima ghall-Awtorita`, wara li ra r-ritratti, xehed li "*l-problema li kien hemm kienet illi kien hemm materjal ta' kostruzzjoni hiereg minn taht il-hoarding u l-hoarding ukoll ma kienx mghotti. Jien fil-fehma tieghi l-hoarding ma kienx skont il-ligi sussidjarja 623.08.*" It Tribunal jaqbel ma' din il-kostatazzjoni. L-istekkat muri mhuwiex intiz sabiex jevita l-hrug ta' trab anke ghaliex mhuwiex moghti. Lanqas ma kienx sufficjenti sabiex izomm materjal milli johrog lilhinn minnu tant illi ir-ritratt numru 7 ezebit mill-Awtorita` juri materjal hiereg minn taht ix-xatba ghal fuq il-bankina.

Illi ghaldaqstant sakemm jirrigwardja l-ewwel penali imressqa fir-rigward tad-data 8 ta' Mejju, 2025 t-Tribunal huwa tal-fehma li l-appell mhux misthoqq u kwindi qed jikkonferma d-decizjoni tal-Awtorita`.

Il-BCA/P08/0103/2024 – penali ta' Eur 300 tirrigwardja wkoll nuqqas ta' stekkat li jaghlaq is-sit kompletament u jipprotegi z-zoni adjecenti mill-hrig ta' trab u minn materjali li jistghu jaqghu mis-sit, din id-darba referibilment ghad-data tad-19 ta' Mejju, 2025. Madanakollu f'dan il-kaz, ghalkemm jidher li n-nuqqas kien ghadu prezenti anke f'dik id-data, il-minuti prodotti ma jindikawx lil min inghataw l-istruzzjonijiet ghal follow-up actions. Lanqas jirrizulta jew ir-rapprezentanti tal-Awtorita` kellmux lil xi kuntrattur jew lill-appellanti direttament. Jidher fil-fatt li n-nuqqas riskontrat fit-8 ta' Mejju huwa dak l-istess riskontrat ukoll fid-19 ta' Mejju, 2025. Fic-cirkostanzi, it-Tribunal ma jhossx illi huwa opportun li l-appellanti terga' tigi penalizzata ghall-istess nuqqas identiku riskontrat ftit jiem qabel fin-nuqqas ta' prova cara li li

l-appellanti volontarjament naqset li tobdi ordinijiet legittimi posti bhala rimedji mill-Awtorita`. Permezz tal-appell taghha l-appellanti, fil-fatt, tikkontendi li qatt ma giet notifikata bid-decizjonijiet. Fil-fatt prova tan-notifika relattiva qabel il-hrug tal-avviz tal-penali ma saritx sabiex almenu tingibed l-attenzjoni tal-appellanti ghas-serjeta` tan-nuqqas u ghall-penali originali gja` imposti. Ulterjorment jinghad li l-penali ta' tlett mitt euro (€300) hija wahda idoneja ghan-nuqqas ravvizat, avut rigward ghall-kontinwita` tal-istess nuqqas.

Ghalhekk it-Tribunal ser ikun qed jirrevoka u jhassar id-decizjoni BCA/P08/0103/2024 – penali ta' Eur 300.

iii. BCA/P08/0089/2024 – penali ta' Eur 150

iv. BCA/P08/0104/2025 – penali ta' Eur 150

Permezz ta' din id-decizjoni l-appellanti tinsab akkuzata b'nuqqas ta' tabelli tal-avvizzi, ghal darb'ohra bi ksur tal-LS 623.08. Dan jinsab konfermat tramite t-Trail of Events, f'dan ir-rigward, bil-gurament ta' Nick Grima, senjatament fil-minuti li jmorru mid-data tal-25/04/2025 sat-22 ta' Lulju, 2025. Jidher li, fil-fatt, it-tabelli gew nutati neqsin mill-ufficjali tal-Awtorita`, appuntu fil-25 t'April, 2025 u baqghu hekk neqsin sa meta l-appellanti rrettifikat in-nuqqasijiet kollha taghha kif ikkonfermat fit-22 ta' Lulju, 2025. Ir-ritratti tal-faccata tas-sit huma wkoll ta' sostenn ghat-tezi tal-Awtorita` in kwantu ma jurux it-tabelli mehtiega mil-ligi. u 8/05/2025 u 20/05/2025. Permezz tal-appell taghha, l-appellanti tikkontendi li "*huwa inveritier li t-tabella statutorja tal-avizi ma kenitx fil-lok".* Sebastian Polidano prodott mill-appellanti, madanakollu, jghid fl-affidavit tieghu li*"dejjem kien hemm it-Tabella tal-Avvizi skont il-ligi u jekk f'xi okkazzjoni inqalghet, dan gara b'mod naturali minhabba maltemp.*" Apparti li ma tressqet ebda prova ta' xi tabella originali imwahhla li setghet inqalghet bil-maltemp u lanqas ma tressqet prova ta' xi maltemp li seta' jaqla' tabella mwahhla *multo magis* fix-xhur tar-rebbiegha u s-sajf bejn Mejju u l-ahhar ta' Lulju, it-Tribunal ma jsibx raguni li ghaliha m'ghandux jemmen lill-ufficjali tal-Awtorita` li, fuq medda ta' diversi xhur, qdew kif suppost il-kompitu taghhom u rriskontraw dan in-nuqqas mhux rimedjat fuq medda ta' diversi xhur.

Ghalhekk ukoll it-Tribunal ser jghaddi sabiex jikkonferma d-decizjoni tal-Awtorita` sakemm tirrigwardja din il-penali.

Fir-rigward tal-BCA/P08/0104/2024 – penali ta’ Eur 150, a skans ta’ ripetizzjoni, it-Tribunal jirreferi ghal dak deciz fir-rigward tal-BCA/P08/0103/2025 u jghid illi dak hemmhekk hemmhekk deciz japplika hawn ukoll. Ghalhekk, it-Tribunal ser jghaddi sabiex ihassar u jirrevoka wkoll id-decizjoni BCA/P08/0104/2024 – penali ta’ Eur 150.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq qiegħed jilqa’ parzjalment l-appell limitatament sakemm kompatibbli mas-surreferit u ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija qieghed ghaldaqstant:

Ihassar u jirrevoka d-decizjoni BCA/P08/0193/2024 – penali ta’ Eur 500

Jikkonferma d-decizjoni BCA/P08/0090/2024 – penali ta’ Eur 300

Ihassar u jirrevoka d-decizjoni BCA/P08/0103/2024 – penali ta’ Eur 300

Jikkonferma d-decizjoni BCA/P08/0089/2024 – penali ta’ Eur 150

Ihassar u jirrevoka d-decizjoni BCA/P08/0104/2025 – penali ta’ Eur 150

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sarsero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru